FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Novembru, 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 1123/01JR**

**Fairs & Exhibitions Limited**

**vs**

**Grech's Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas seba' mija sebgha u disghin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm797.32), rapprezentanti hlas ghas-servizz moghti mis-socjeta` attrici fuq ordni tas-socjeta` konvenuta stess – kollox skond ma jidher mid-Dok.A anness mal-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tat-30 t'Ottubru, deher Vincent Grech ghas-socjeta` konvenuta**

u kkontesta t-talba u ddikjara li hemm xi diskrepanza fl-ammont li qed jintalab u dak li hu dovut.

Ra li fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2001, deher Vincent Grech ghas-socjeta` konvenuta li ammetta t-talba, u talab li l-pagamenti jsiru f'rati mensili ta' mitt lira (Lm100.00) kull gimghatejn.   Is-socjeta` attrici ma opponietx.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' seba' mija sebgha u disghin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm797.32), b'dana pero` li l-pagament isir f'rati ta' mitt lira Maltija pagabbli kull erbatax-il jum konsekuttivi. L-ewwel pagament ghandhu jsir sa mhux aktar tard mill-20 ta' Novembru, 2001, u konsegwentement kull erbatax il-jum konsekuttivi, b'dana pero` li jekk is-socjeta` konvenuta tonqos f'pagament wiehed, titlef il-beneficcju tat-terminu, u s-socjeta` attrici tkun tista tipprocedi fuq is-somma dovuta. Is-socjeta` konvenuta qed tigi kundannata thallas ukoll l-imghaxijiet legali mill-11 ta' Ottubru, 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR